# Kieku l-ikel jitkellem

*Angele Deguara*

Kieku l-ikel kellu jitkellem kien ikollna ħafna aktar mis-soltu x'nomogħdu. Kieku kellu jibda jirrakkonta l-ġrajjiet li hemm warajh konna nġibu għajnejna wara widnejna.

Għaliex wara l-prodotti tal-ikel li naraw fis-swieq u s-supermarkets tagħna, u aktar qrib tagħna, fuq il-platt li jkollna quddiema fuq il-mejda ta' kuljum hemm stejjer ta' kull xorta. Hemm stejjer tal-mistħija, ta' ġuħ, ta' tbatija, ta' sfruttar, ta' xogħol fil-bażwa; ta' żbilanċ bejn min m'għandux għaxja ta' lejla u min jagħmel qligħ kbir minn fuq dahar ħaddiehor; ta' tfal li minflok imorru l-iskola jmorru jaħdmu fl-għelieqi biex idawru erba' soldi; stejjer dwar il-qerda tal-ambjent, dwar kif intilfet ħafna mill-bijodiversità; dwar prodotti ssussidjati mill-pajjiżi sinjuri mibjugħin bi prezz aktar baxx milli jiswew biex tipproduċihom; dwar il-konsum eċċessiv tal-ilma għall-produzzjoni ta' ċerti prodotti; stejjer ta' ikel imkabbar bl-għajnuna ta' kimiċi minflok b'modi tradizzjonali u naturali, sistemi li jagħmlu ħsara mhux biss lill-ambjent imma wkoll lis-saħħa tal-produtturi u tal-komunità li jgħixu fiha. Insomma, kieku l-ikel seta' jitkellem kien itina ħafna *"food for thought."*

Qabel ma faqqgħet il-kriżi finanzjarja li bħalissa qed tolqot lid-dinja, konna ta' sikwit nisimgħu fuq kriżi oħra, dik tal-ikel, li dan l-aħħar qisha ingħatat xi ftit il-ġenb u m'għadhiex tkun fost l-aħbarijiet ewlenin. Dan ma jfissirx li l-problema ssolviet. Lanqas xejn. Fid-dinja hawn miljuni ta' nies bil-ġuħ. Għalkemm hemm diversi fatturi li jikkontribwixxu għal din il-ġerha, waħda mill-akbar problemi kienet iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel li ġiet reġistrata f'dawn l-aħħar ftit snin. L-għaqda dinjija tal-ikel, il-FAO, tikkalkula li fl-2007 in-numru ta' nies bil-ġuħ żdied b'xi 75 miljun biex issa qabeż id-disa' mitt miljun ruħ. Minbarra l-għoli fil-prezzijiet tal-ikel, li huwa kkontrollat mill-pajjiżi s-sinjuri, il-produzzjoni tal-*biofuels* naqqset sew is-sigurtà tal-ikel ta' miljuni ta' familji. U dan fi żmien meta qatt daqs illum fid-dinja ma kien hawn daqshekk abbundanza ta' ikel!

Ironikament dawk li qed jintlaqtu l-aktar minn din it-traġedja umana huma l-produtturi tal-ikel infushom. Meta ngħid produtturi tal-ikel mhux qed nirreferi għall-kumpanniji l-kbar li jiddominaw l-industrija tal-ikel, bħal Nestle, Kraft, Heinz u Kellogg, imma għall-bdiewa u l-familji tagħhom, l-aktar dawk fil-pajjiżi l-fqar tad-dinja. In-nisa qed jintlaqtu aktar mill-irġiel. Ħafna nisa fin-Naħa t'Isfel tad-dinja jagħtu sehem kbir fil-produzzjoni tal-ikel (medja ta' 50 fil-mija) għalkemm f'ċerti reġjuni, bħal fil-pajjiżi fin-nofsinhar tad-deżert tas-Saħara, sehem in-nisa jitla' sa 70 jew 80 fil-mija.

Min-naħa l-oħra hemm min igawdi sew mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-ikel, speċjalment il-kumpanniji multinazzjonali li żiedu l-profitti kbar li diġà kellhom min-nuqqas ta' ikel fil-pajjiżi fqar. Dawk li qed iħaxxnu bwiethom l-aktar f'dan ix-xenarju inġust u żbilanċjat huma l-produtturi tal-fertilizzanti, bħal Cargill's Mosaic, Sinochem u PotashCorp; il-bejjiegħa taż-żrieragħ, kumpanniji kbar bħal Monsanto, DuPont u Syngenta, u dawk li jipproduċu u jbigħu prodotti u apparat tal-agrikoltura, bħal Cargill, ADM u ConAgra. Minħabba l-kilba għall-flus u għall-poter li għandhom dawn il-kumpanniji u l-intermedjarji tagħhom fil-katina twila tal-produzzjoni tal-ikel, il-bdiewa fqar ma jistgħux iqumu fuq saqajhom. Qed jigu

mċaħħda mid-dritt għall-ikel, m'għandhomx is-sigurtà tal-ikel li ngawdu aħna u fuq kollox m'għandhomx sovranità fuq l-ikel li qed jipproduċu huma stess.

Dawn il-kuncetti – dritt, sigurtà u sovranità tal-ikel – huma differenti imma fl-istess ħin marbutin ħafna ma' xulxin. Id-dritt għall-ikel jagħmel parti mid-Dikjarazzjoni Universali tad-drittijiet tal-bniedem tal-1948. Skont il-Ġnus Magħquda, id-dritt għall-ikel ifisser li kulħadd ikollu aċċess kemm ekonomiku kif ukoll fiżiku għal ikel bnin f'kull żmien, u mezzi biex jakkwistah li jirrispettaw id-dinjità umana. Filwaqt li d-dritt għall-ikel jagħmel aktar aċċenn fuq li kull persuna hija intitolata għall-ikel, l-idea tas-sigurtà tal-ikel tagħti aktar importanza lill-aċċessibilità tal-ikel, li persuna jkollha l-flus biex tixtri l-ikel u li jkun hemm provvista ta' ikel għal kulħadd.

Il-kunċetti tas-sigurtà u tas-sovranità tal-ikel huma aktar riċenti. L-ewwel wiehed ħareġ mis-summit dinji tal-ikel li sar Ruma fl-1996 u t-tieni wieħed introduċih moviment internazzjonali ta' bdiewa u ħaddiema fqar, Via Campesina, li fl-1996 ħareġ b'viżjoni ċara ta' x'għandu jitwettaq biex issir ġustizzja soċjali, biex jitħares il-futur ta' miljuni ta' produtturi żgħar tal-ikel u biex il-bnedmin ma jibqgħux ikasbru l-ambjent naturali.

Is-sovranità tal-ikel tmur lilhinn miż-żewg kunċetti l-oħra u fl-istess ħin tkoprihom fiha għax jekk komunità jkollha sovranità fuq l-ikel li tipproduċi u tikkonsma, awtomatikament tkun ukoll kisbet kemm id-dritt kif ukoll is-sigurtà tal-ikel. Skont id-dikjarazzjoni li harġet mill-Forum ta' Nyeleni li sar fil-Mali fl-2007, il-kunċett tas-sovranità tal-ikel huwa bbażat fuq sitt prinċipji:

1. jiffoka fuq l-ikel għan-nies u d-dritt li kulħadd ikollu x'jiekol
2. japprezza u jgħin lil dawk li jipprovdu l-ikel
3. ifittex li jqarreb lejn xulxin lill-produtturi u l-konsumaturi tal-ikel billi jenfasizza sistemi lokali tal-ikel
4. jemmen li l-produtturi tal-ikel għandhom id-dritt li jkollhom kontroll fuq l-art, l-ilma, l-annimali li jrabbu, il-ħut, u ż-żrieragħ, u li dawn jitgawdew mill-komunità
5. jibni fuq l-għerf u l-ħiliet tradizzjonali tal-produtturi lokali
6. jaħdem ħaġa waħda mal-ambjent naturali, speċjalment meta wieħed iqis it-theddida tat-tibdil fil-klima.

It-tifsira li jagħti l-moviment Via Campesina tal-kunċett tas-sovranità tal-ikel tħaddan fiha perspettiva bbażata mhux biss fuq id-dritt għall-ikel imma wkoll fuq id-dritt li l-produtturi tal-ikel ikollhom sehem attiv u sħiħ fid-deċiżjonijiet li jinvolvu l-għajxien tagħhom. L-idea tas-sovranità tal-ikel tagħti prijorità lill-biedja u s-sajd fuq skala zgħira, lill-bejgħ fi swieq lokali u lill-użu ta' mezzi ta' produzzjoni sostenibbli.

Sfortunatament l-istorja tal-ikel fid-dinja ftit li xejn tirrifletti dawn il-kunċetti sbieħ li jirrispettaw id-drittijiet, il-ħiliet, it-tradizzjonijiet, il-kultura u fuq kollox id-dinjità tal-produtturi fil-pajjiżi l-fqar. Iżda dan ma jfissirx li m'hemmx tama; li m'hawnx min qed jaħdem biex jikkumbatti l-mewġ ta' inġustizzja u sfruttament li jeżisti fis-sistema globali tas-suq hekk imsejjaħ "ħieles;" ma jfissirx li m'hemmx soluzzjonijiet. Lanqas ma jfisser li l-bidla hija faċli. Hija bidla li tinvolvi rivoluzzjoni fil-ħsieb u fl-għażliet tagħna. Hija wkoll triq li tmur kontra l-kurrenti stabbiliti u ddominati minn interessi kapitalisti b'saħħithom. Iżda l-bidla bdiet. Hawn kuxjenza akbar dwar l-inġustizzji li ħolqot l-industrija ġganteska tal-ikel; dwar l-importanza

ta' għażliet responsabbli fil-ħajja ta' kuljum. Għalhekk hawn aktar domanda għal ikel organiku, ikel lokali, ikel *"slow"* u fuq kollox ikel li jirrispetta l-jeddijiet u d-dinjità tal-bnedmin. Fost il-movimenti li jħaddnu dawn il-prinċipji u jemmnu fl-ideal tas-sovranità tal-ikel hemm dak tal-Kummerċ Ġust.

Bħall-ikel, il-Kummerċ Ġust għandu ħafna xi jgħid fuq dan is-suġġett għax il-ġlieda kontra l-faqar globali u l-ingustizzja soċjali hija l-qofol tiegħu. Il-Kummerċ Ġust iħaddan għaxar prinċipji bażiċi li huma stabbiliti mill-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ Ġust, id-WFTO. Dawn huma:

1. il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-produtturi ekonomikament żvantaġġati
2. it-trasparenza u r-responsabbilità fit-tmexxija u fir-relazzjonijiet kummerċjali kollha
3. l-għajnuna biex il-produtturi jsaħħu l-indipendenza tagħhom
4. il-ħolqien ta' kuxjenza kritika fix-xiri u onestà sħiħa fil-promozzjoni tal-Kummerċ Ġust
5. il-ħlas ta' prezz li l-produtturi nfushom iqisuh bħala ġust
6. l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel
7. kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa għall-produtturi
8. ir-rispett tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar il-jeddijiet tat-tfal
9. prattiċi li tirrispetta l-ambjent
10. relazzjonijiet fil-kummerċ mibnija fuq l-onestà, il-koperazzjoni, is-solidarjetà, il-fiduċja u r-rispett reċiproku.

Fl-isfond ta' din il-kriżi, il-Kummerċ Ġust għandu diversi rwoli: li jeduka dwar l-għeruq u l-kawża tal-ġuħ fid-dinja u d-diversi proċessi li wasslu għal din il-krizi; li jippromwovi l-Kummerċ Ġust bħala mod konkret kif nistgħu nikkumbattu l-inugwaljanzi li jeżistu fis-sistema eżistenti tal-kummerċ internazzjonali; li jagħti lill-konsumaturi l-opportunità li jġibu l-bidla permezz tal-għazliet żgħar li jagħmlu b'sens ta' responsabbiltà morali lejn il-bdiewa u produtturi zgħar oħra fil-pajjizi l-fqar. Għalhekk il-Kummerċ Ġust jagħti l-poter lill-konsumaturi li jġibu l-bidla u li bil-ġesti tagħhom ikunu qed jagħtu lill-produtturi l-fqar l-opportunità li jkollhom kontroll fuq ħajjithom, fuq it-territorju tagħhom, fuq xogħolhom u fuq dak li jipproduċu.

Meta l-Kummerċ Ġust kien għadu fil-bidu tiegħu, kienet qamet kontroversja dwar jekk jagħmilx sens li jiġi impurtat ikel bażiku bħar-ross jew il-kuskus meta dan huwa ikel tant bżonjuż għall-komunitajiet rurali fin-Nofsinhar tad-dinja, għax dan qisu kien imur kontra l-prinċipju tas-sigurtà tal-ikel. Iżda l-attivisti rrealizzaw li s-sigurtà tal-ikel ma tfissirx li jkollok l-ikel. Tfisser ukoll li kemm dawk li joqogħdu f'żoni urbani kif ukoll dawk li jgħixu f'żoni rurali jkollhom aċċess għall-ikel; tfisser ukoll aċċess għax-xogħol, qligħ suffiċjenti u aċċess għas-swieq. Dawn huma kollha miri li l-Kummerċ Ġust jipprova jilħaq u ħafna drabi jirnexxilu. Fil-fatt matul is-snin il-Kummerċ Ġust kellu diversi stejjer ta' suċċess fil-qasam ta' prodotti tal-ikel bħar-ross, il-kuskus, iz-zokkor, l-għasel, il-ħwawar, il-quinoa, l-għazz, l-għaġin, il-banana u ċ-ċikkulata. Permezz ta' dawn il-proġetti, mal-eluf ta' produtturi u l-familji tagħhom qed igawdu wkoll il-komunitajiet fejn jgħixu. Bis-saħħa ta-relazzjoni li jibnu ma' diversi organizzazzjonijiet tal-Kummerċ Ġust, dawn il-produtturi qed igawdu, kif inhu xieraq, il-frott ta' xogħolhom u jirbħu lura d-dinjità tagħhom bħala ħaddiema u bħala bnedmin.

Il-Kummerċ Ġust isir ma' produtturi fi bnadi differenti tad-dinja, imma l-aktar fil-kontinenti tal-Asja, l-Afrika u l-Amerka Latina. Dawn jidħlu fi ftehim ma' importaturi fil-pajjiżi tan-Naħa ta' Fuq tad-dinja li jixtru mingħandhom materja prima jew prodotti lesti bi prezz ġust. Naturalment l-esportaturi jridu jirrispettaw il-prinċipji tal-Kummerċ Ġust. L-importaturi huma organizzazzjonijiet tal-Kummerċ Ġust li jbigħu dawn il-prodotti fil-ħwienet dinjija li jinsabu mxerrdin mal-Ewropa, l-Amerka ta' fuq, l-Awstralja, New Zealand u l-Ġappun. Ħafna mill-produtturi u l-organizzazzjonijiet li jimpurtaw jiffurmaw koperattivi għax il-Kummerċ Ġust dejjem ħaddan il-prinċipji li jispiraw lill-koperattivi. Ħafna mix-xogħol tal-Kummerċ Ġust isir minn voluntiera li xogħolhom mhuwiex biss li jagħmlu l-kummerċ imma li jxerrdu l-messaġġ tal-ġustizzja u s-sostenibbiltà fil-kummerċ. Għalkemm il-Kummerċ Ġust dejjem żied fil-volum tal-bejgħ, meta tqabbel is-sehem tiegħu ma' dak tal- kummerċ internazzjonali bbażat fuq il-prinċipji tas-suq ħieles, tara kemm għadu relattivament żgħir, imma qegħdin hemm.

Malta wkoll tagħti s-sehem tagħha f'din ir-rivoluzzjoni ta' ħsieb u ta' azzjoni permezz tal-Koperattiva Kummerċ Ġust (KKĠ) li twaqqfet fl-1996 u ilha mill-1997 tmexxi l-uniku ħanut dinji li hawn f'Malta. KKĠ, li hija membru tad-WFTO u taċ-CTM Altromercato (l-ikbar organizzazzjoni tal-Kummerċ Ġust fl-Italja), timporta diversi prodotti, fosthom ikel. Bħal organizzazzjonijiet oħra tal-Kummerċ Ġust, il-KKĠ tieħu sehem f'diversi programmi edukattivi fi skejjel u ċentri oħra taż-żgħażagħ u tfittex li toħloq kuxjenza fost il-konsumaturi. Hija l-organizzazzjoni wara l-attività li ssir kull sena msejħa WorldFest. Il-koperattiva temmen ukoll li għandha tagħti l-appoġġ tagħha lill-produtturi żgħar Maltin u tippromwovi l-prodotti tagħhom. Mhux l-ewwel darba li ħadmet flimkien ma' għaqdiet lokali, bħal koperattivi ta' bdiewa, produtturi ta' ikel organiku u għaqdiet oħra, li jħaddnu prinċipji bħal tagħha. Il-KKĠ tieħu sehem ukoll fi proġetti internazzjonali.

Bħalissa l-Koperattiva Kummerċ Ġust, flimkien ma' organizzazzjonijiet tal-Kummerċ Ġust minn erba' membri ġodda tal-Unjoni Ewropea (l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja u s-Slovakkja) qed tipparteċipa fi proġett jismu Enlarging Fair immexxi minn organizzazzjoni Taljana tal-Kummerċ Ġust. L-għanijiet tal-proġett huma li tinbena koperazzjoni akbar bejn l-organizzazzjonijiet tal-Kummerċ Ġust fil-pajjiżi li qed jipparteċipaw, li jitwassal il-messaġġ tal-Kummerċ Ġust lil aktar nies, fosthom lill-voluntiera tal-Kummerċ Ġust stess, lill-konsumaturi, lill-istudenti, lill-istituzzjonijiet pubbliċi u privati, u lill-midja. Iżda forsi l-aktar fattur importanti ta' dan il-proġett huwa l-kampanja konnessa mad-dritt għall-ikel li se titnieda fil-pajjiżi kollha li qed jieħdu sehem fil-proġett. F'Malta, il-kampanja bl-isem ta' Kieku l-Ikel Jitkellem, se tinfetaħ uffiċjalment fil-Jum Dinji tal-Ikel fis-16 ta' Ottubru, 2009. Kemm il-WorldFest ta' din is-sena kif ukoll tas-sena d-dieħla se jittrattaw din it-tema.

Il-kampanja se tittratta temi komuni fil-pajjiżi kollha fejn se ssir. Dawn it-temi, li huma marbuta mal-problema tal-ġuħ fid-dinja, jinkludu:

1. il-globalizzazzjoni tas-suq tal-ikel
2. il-katina industrijali tal-ikel li hija tradizzjonalment twila u katini qosra kemm fin-Naħa ta' Fuq kif ukoll fin-Naħa t'Isfel tad-dinja
3. is-suq tal-materja prima, bħall-kafè u l-kawkaw
4. il-prezzijiet tal-ikel u l-politika tas-sussidji u t-twaqqigħ tal-prezzijiet
5. is-sitwazzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali

6. l-ikel u l-edukazzjoni interkulturali
7. il-prodotti mibdula ġenetikament, il-ħarsien tal-bijodiversità u l-aċċess ħieles għaż-żrieragħ
8. il-produzzjoni tal-ikel minflok il-produzzjoni għal enerġija alternattiva

Din il-kampanja mhix tal-proġett Enlarging Fair jew tal-Koperattiva Kummerċ Ġust iżda tagħna lkoll. Kulħadd jista' jagħti sehmu b'modi differenti biex nagħmlu differenza. Iċ-CTM Altromercato, l-organizzazzjoni Taljana li hija l-moħħ wara din il-kampanja komuni, ħarġet dekalogu ta' affarijiet żgħar li nistgħu nagħmlu aħna biex nagħtu sehemna f'din il-bidla rivoluzzjonarja.

Jekk irridu, kif kien jgħid Gandhi, li nkunu aħna stess il-bidla li rridu nġibu, ejjew nieħdu azzjoni billi nixtru prodotti tal-Kummerċ Ġust; kemm jista' jkun nixtru ħxejjex u frott organiku u prodotti tal-istaġun; infittxu li nixtru mingħand il-produtturi; inħarsu d-diversità bijo-kulturali; nieklu inqas laħam; nevitaw il-ħela; ninvestu fi proġetti finanzjarji solidali; ma naħlux enerġija u nużaw l-ilma bil-għaqal. B'hekk bl-aġir tagħna u mhux bil-kliem biss inkunu nistgħu nilħqu l-mira tas-sovranità tal-ikel. Forsi għad jiġi żmien meta l-ikel ikollu stejjer aktar sbieħ x'jirrakkonta u aħna nkunu parti minn dawn l-istejjer.

***Angele Deguara***
*Soċjologa u awtriċi ta'* Life on the Line *(2002)*

Parti minn din il-kitba dehret fil-gazzetta *Illum* tal-Ħadd, 3 ta' Mejju, 2009.
Il-kitba sħiħa tinsab fil-ktieb *Kieku l-ikel jitkellem* (ed. Adrian Grima, Inizjamed, 2009)